# il-Ħuttafa

Numru **162** Jannar - Frar 2021



**Rożinjol Ikhal**

€2 for non-members

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Tiżwiqa gawwi – parti minn qatgħa kbira li kull sena tgħaddi x-xitwa fir-riserva naturali tas-Salina.

# Għeżież Ħuttaf . . .

mill-editur

Il-berdwoċing jagħmlek speċjali!

Il-berdwoċing jgħallmek tara rqaqat tan-natura li ħaddieħor ma jarax. Titgħallem tinnota d-daqs, il-forma, il-kulur u d-disinn ta' għasfur. Mhux biss, imma ħafna drabi dawn id-dettalji trid tilmaħhom malajr, għax l-għasfur ikun qed itir jew jistaħba qalb il-weraq. L-istess it-tisfir u l-għana tal-għasafar. Minn tpespisa nofs kilometru 'l bogħod titgħallem tgħid x'għasfur kien.

Kważi *supersense*!

Sintendi, biex issir berdwoċer tajjeb trid toħroġ spiss, u jekk ikollok miegħek berdwoċer tal-esperjenza titgħallem ħafna iktar. Ngħid għalija, jien mill-berdwoċers tal-BirdLife tgħallimt nagħraf xi għasafar. Waħdi kont indum ħafn'iktar. U fil-kumpanija dejjem iktar gost.

Meta titgħallem tosserva l-irqaqat, dan is-'supersense' tibda tużah anke ma' affarijiet oħra tan-natura, mhux għasafar biss. Tibda tinnota d-differenza bejn insetti li jixxiebhu, u bejn fjuri li f'għajnejn ħaddieħor jidhru l-istess.



**Imma issa rrid nara kemm intom berdwoċers tajbin!** Fir-ritratt ta' fuq tidher geġwiġija għasafar. Kważi lkoll gawwi, imma qalb dak il-gawwi hemm **ċirlewwa tax-xitwa**. Iċ-ċirlewwa tax-xitwa (*Sandwich tern*) tkun iktar misluta mill-gawwi u jkollha munqarha skur bil-ponta safra ċar kważi abjad. Ara ssibuhiex! Stay safe, guys!




Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

### Rożinjol Ikħal

Bluethroat *Luscinia svecica*

Ir-rożinjol ikħal huwa għasfur żgħir daqs u forma ta' pitirross. Imma kif jidher mir-ritratt, dan l-għasfur mhux oranġjo biss għandu fuq sidru imma anke blu, iswed u abjad. Huwa għasfur skars tal-passa, għalkemm jidher kull sena. Ir-rożinjol ikħal iħobb imsaġar f'inħawi fejn hemm l-ilma, bħal xmajjar u ġnub ta' għadajjar.



Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | 2 |
| **Aħbarijiet** | 3 |
| **Kompost** | 4–5 |
| **Shark for lunch** | 6 |
| **Banju frisk!** | 7 |
| **Gawwija Munqarha Roża** | 8–9 |
| **Amy's Diary** | 10 |
| **Art page** | 11 |
| **Ġonna Dinja Waħda** | 12 |
| **Smiley & Grumpy** | 13 |
| **Marine Protected Areas** | 14 |
| **Fattifawna: Iż-Żrinġ** | 15 |
| **Ecohive. Save the Turtles** | 16 |


## Writers in this issue

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior section (-18yrs) of BirdLife Malta. Members can attend many activities, including walks, visits to nature reserves, boat trips and environmental work. Members received by post the bi-monthly magazine *Il-Ħuttafa*. Families too can become members, and will then also receive the quarterly adult members' magazine *Bird's Eye View*. Subscription is €10 per annum for Klabb Ħuttaf and €29 for Family.

## Contact

tel **21347645 / 21347646**
**Emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Frar 2021
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

# Kilowatts flok Kaboċċi


Google Earth

Li nagħmlu l-elettriku mid-dawl tax-xemx hija ħaġa tajba ħafna. Impjant tad-dawl li jagħmel l-enerġija mix-xemx jgħidulu *solar farm* u dan ma jħammiġx l-arja kif jagħmlu l-*power stations* li jaħdmu bil-faħam jew biż-żejt.

**Imma xorta rridu noqogħdu attenti ħafna.**

Għaliex? Għax dawn l-impjanti jieħdu ħafna spazju. Biex tibni *solar farm* ta' xi 10,000 *solar panel* trid biċċa art ġmielha. Pajjiżna żgħir u rridu noqogħdu b'seba' għajnejn kif nużaw l-art.

Għalhekk tinkwieta tisma' li ħafna qed japplikaw biex jibnu *solar farms*... fil-kampanja!

Pereżempju fl-Imġarr xi ħadd irid jibni *solar farm* fuq 43,000m² art, **jiġifieri ikbar minn sitt grawnds tal-futbol!** Bħalissa din l-art hija għelieqi, steppa u xagħri.

**Li kellu jsir, is-*solar farm* li ħolmu bih fl-Imġarr jgħatti medda art daqs sitt grawnds tal-futbol.**




Jekk titgħatta bis-*solar panels*, fid-dell tagħhom mhux ħa jikbru pjanti. U bla pjanti ma jkollokx natura.

**Diġà għandna terz minn pajjiżna mibni.** Possibli s-*solar farms* ma jistgħux isiru fuq art diġà żviluppata? Irridu bilfors inkomplu nisirqu l-ftit beraħ li baqgħalna?

U issa bl-iskuża li qed ngħinu l-ambjent!

**Is-*solar farms* għandhom isiru fuq parkeġġi, fuq ġibjuni, u fuq il-bjut ta' bini kbir bħal skejjel, fabriki u mħażen.**

## Fl-aħħar bdejna neħilsu minnhom!

Malta waqqfet id-dħul ta' xi affarijiet tal-plastik *single-use*, jiġifieri dawk li tuża darba u tarmihom. Fosthom hemm **basktijiet**, **tazzi**, **platti**, **frieket**, **skieken**, **mgħaref**, **kuċċarini**, ***cotton buds***, ***straws***, **trejs u reċipjenti tal-ġablo** u ***stirrers***.

Prosit! Pass tajjeb fil-gwerra kontra l-plastik. Il-plastik spiss jispiċċa fil-baħar u kif tafu joqtol ħafna ħut, fkieren, dniefel u għasafar. Mhux biss, imma l-plastik tista' tgħid ma jispiċċa qatt għax ma jitmermirx. Għalhekk inqas ma nużaw plastik aħjar.

Sfortunatament l-liġi l-ġdida ma nkludietx plastik ieħor *single-use* bħal boroż irqaq u fliexken tax-xorb. Dawn ukoll naraw ħafna minnhom fil-baħar. Għalhekk inħeġġu l-gvern biex ma jdumx ma jaqta' l-użu ta' dawn ukoll. U magħhom jista' jżid ukoll *wet wipes* u bżiexaq.

Sadattant **aħna** nistgħu nagħmlu l-parti tagħna. Meta mmorru nixtru ħaxix u frott, flok naqtgħu boroż minn dawk ir-rombli għandna nużaw boroż *reusable*. Dawn ikunu qishom xibka fina, ta' daqsijiet differenti u jingħalqu bl-ispaga. Komdi immens u l-ħwienet kollha jaċċettawhom, anzi xi supermarkets iqassmuhom b'xejn ma' xi prodotti.


Victor Falzon

**Nagħmlu l-parti tagħna!**





# Ġnien għan-Natura

Kitba Desirée Falzon
Tpinġija Victor Falzon

### Kif tiġbed in-natura lejn il-ġnien tiegħek

# il-Kompost

**Uża n-natura biex tressaq iktar natura! Il-kompost huwa trikk sempliċi biex iżżid in-natura fil-ġnien waqt li fl-istess ħin tgħin il-pjanti. Għax il-kompost mimli sustanzi.**

## X'inhu kompost?

Kull annimal jew pjanta huma magħmulin mill-ilma u taħlita ta' minerali u sustanzi, li ħafna minnhom ġew mill-ħamrija. Il-kompost huwa dak li jibqa' meta l-pjanti u l-annimali jmutu u jgħaddi ż-żmien minn fuqhom.

Allura, kif jerġgħu jsiru minerali u sustanzi fil-ħamrija? Fil-ħamrija jgħixu annimali li jnaqqru u jieklu fdalijiet ta' pjanti jew annimali. Wara li dan il-materjal jgħaddi minn ġo fihom, ikomplu jmermruh batterji u fungi, sa ma fl-aħħar jispiċċa kompost – sustanzi tajbin għall-ħamrija.



Desirée Falzon

ħanex tal-indewwa
millipede

Fost dawn l-annimali hemm il-**ħanżir l-art**, il-**bugħarwien**, il-**bebbux** u l-**ħanex tal-indewwa**. Dawn l-annimali tista' tgħid kollha għandhom fama ħażina man-nies! Ħlief min joqtolhom jew isajjarhom ma nismax. Imma kif naħseb qed tindunaw, dawn l-annimali huma importanti ħafna fin-nisġa tal-ħajja. Jagħmlu servizz KBIR lin-natura għax jirriċiklaw il-minerali u s-sustanzi tal-affarijiet li jkunu għexu, u jerġgħu jpoġġuhom lura fil-ħamrija. Minn hemm imbagħad il-pjanti jerġgħu jtellgħuhom mill-għeruq.




Desirée Falzon

Tista' tixtri *compost bin* lest. Dan wieħed li għandu għatu, tajjeb biex iżomm is-sħana u jgħaġġel il-proċess. Dan it-tip ta' *bin* qiegħed apposta biex joqgħod fuq il-ħamrija u għalhekk m'għandux qiegħ. B'hekk l-annimali li jgħixu fil-ħamrija, bħall-ħniex, ikunu jistgħu jgħaddu għal ġo fih u jibdew jagħmlu l-kompost.



Aron Tanti

kapinera
blackcap



Victor Falzon

vjolin tax-xitwa
common chiffchaff



Victor Falzon

Ojj, fejn sejra b'dak in-numru?

# Kif nagħmlu?

Biex tagħmel kompost tajjeb importanti li l-materjal ikun [1]organiku. L-aħjar huma fdalijiet tal-pjanti, jew mill-kċina jew mill-ġnien. Ma' materjal niexef (zkuk, weraq niexef, eċċ) dejjem ħallat materjal frisk (bħal ħaxix). Jekk ikun kollu frisk irabbi riħa, li turik li għandek taħlita ħażina. Jekk iżżomm munzell weraq niexef, jew zkuk ta' wara xi żabra, ħu minnhom ftit ftit u ħallathom mal-fdalijiet tal-ħaxix frisk. Importanti li tħallat l-imxarrab man-niexef. Jekk ikun kollu niexef, ma jsirx kompost.

Qatta' l-biċċiet żgħar kemm tista' ħalli jitmermru malajr, u uża xi tip ta' furkettuna biex kultant tħallat il-materjal u ddaħħallu l-arja. Dejjem ara li jkun umdu – jista' jkun li fis-sajf ikollok bżonn tbexxu ftit bl-ilma.

# Fejn nagħmlu?

Ma tantx tagħmel differenza fen tqiegħed il-*compost bin*. L-importanti li jekk ikun fix-xemx, ma tħallihx jinxef. Jekk għandek x'imkien fejn qed tkabbar pjanti, żomm il-kompost il-bogħod kemm tista' ħalli ma jdurx għalihom il-bebbux.



**Fi ġnien għan-natura tużax bexx. Dejjem fittex soluzzjoni naturali.**



Desirée Falzon

**Meta l-kompost tagħmlu inti stess, tiffranka li tixtri, u jkollok prodott ġenwin għax taf eżatt minn xhiex inhu magħmul.**



Reċipjent miftuħ, bħal barmil kbir jew tank wiesa', jista' jservi ta' *compost bin* u fl-istess ħin jiġbed armata sħiħa ta' annimali rqaq lesti biex jibdew jagħmlu l-kompost.




Desirée Falzon

**Fost l-insetti li jżurulek il-kompost insibu l-*hover flies*. Dan id-dubbien idakkar ħafna pjanti u għalhekk bżonnjuż ħafna fil-ġnien. Ħafna *hover flies* ibidu fil-kompost stess jew fl-ilma li jinġabar f'qiegħ il-kompost, speċjalment jekk ir-reċipjent ikun mikxuf u jkollu qiegħ.**



**Biex tipproteġi pjanti mill-bebbux, dawwarhom bil-qxur tal-bajd imfarrak irqiq. Il-bebbux ma jħobbx jaqsam minn fuq dik il-linja qxur. Jien nagħmilha spiss u tista' tgħid dejjem taħdem.**



pitirross
robin



Aron Tanti

bufula sewda
Sardinian warbler

**Waqt li l-kompost qed isir, diversi għasafar jiġu jagħmlu festa mil-insetti u l-ħniex li jsibu. Fil-ħarifa u x-xitwa jitfaċċaw il-pitirross, il-kapinera u l-vjolin tax-xitwa. U matul is-sena kollha taf tiġi l-bufula sewda, li fi żmien il-bejta taqbad dawn l-annimali żgħar anke biex titma' l-frieħ. Jekk jiġu jżuruk spiss dawn l-għasafar, tista' sserraħ rasek li l-ġnien naturali tiegħek huwa suċċess!**



[1]**organiku**. Materjal li ġej minn affarijiet li kienu ħajjin, bħal pjanti jew annimali

# THERE ARE SHARKS IN MALTA – AND YOU MIGHT BE EATING THEM!

MALTA NATIONAL
AQUARIUM

Have you ever been swimming in Malta and then saw a shark lurking around? Probably not, right? But... does this mean that we don't even have sharks here!? NO!!! We have 35 species of sharks known to have travelled through Maltese waters! And this includes even famous species like great whites, thresher sharks and the smooth hammerhead shark!




## But they are restricted to Filfla, right?

There is a common myth that Filfla is surrounded by sharks, which is not true anymore nowadays. Sharks are found all over the Maltese islands, but usually in areas deeper than the bathing zones - so you probably won't see one when swimming. But if you go to a fishmarket... then you may see one!

## Wait, what? In Malta we EAT sharks!?

Most Maltese don't know it but the island's traditional fish soup, aljotta, often has several different species of shark in it - including the endangered spiny dogfish! And have you ever eaten mazzola? Well, then you ate sharks – most likely a blue shark or the spiny dogfish itself.

This is a huge problem because sharks are overfished in the Mediterranean. In fact, even globally around 100 million sharks are killed per year...

And eating sharks isn't even healthy for us as they accumulate pollutants in their bodies, such as mercury.

## But why are sharks important?

Remember the food chain? Sharks are essential to keep the other fish populations in balance as most are top predators!

Also, sharks love eating sick and weak fish. Now imagine an ocean without sharks: lots of diseases would spread and sick fish would reproduce.
An ocean without sharks becomes, literally, sick.

### We need to do something about it!

- Tell others: mazzola means shark and their populations are endangered!
- Fight against climate change, pollution and overfishing. These are killing sharks!
- Urge governments to take action!
- Let's together raise our voices for the ones who can't do it!

Average size of sharks (among all the almost 500 species)

← 1.2m →





# Xi pjaċir!
## Banju frisk

Ritratti ta' Victor Falzon

**Mhux aħna biss ninħaslu! Ħafna għasafar jieħdu gost jieħdu bajnu. Dan jagħmluh biex jitnaddfu mit-trab, ħamrija u tajn niexef. Jinħaslu wkoll biex jeħilsu minn xi [1]parassiti rqaq li jidħlulhom taħt ir-rix.**






**Hawnhekk naraw għasfur tal-bejt jixxala u jitbaħbaħ f'għadira ilma xita.**





**U l-għasafar ma joqogħdux isaħħnu l-ilma fix-xitwa!**

**U fis-sajf meta ma jsibux irqajja' tal-ilma, xorta waħda jieħdu banju... tat-trab!**








# Brrrrrrrrrrrr!

[1]**parassiti**. Parassit huwa speċi li tieħu xi ħaġa minn speċi oħra bla ma tagħti xejn lura. Mhux biss ma tagħti xejn lura, imma spiss tmarrad u anke toqtol lill-vittma. Parassit jista' jkun annimal, pjanta, fungu jew mikrobu.

# Gawwija Munqarha Rqiq

Slender-billed Gull *Larus genei*



**Ritratt fenomenali ta' Aron Tanti, meħud fir-riserva naturali tas-Salina**


BirdLife
MALTA

# AMY'S DIARY

Heyyy Ħuttafers!

Amy Here!

Still keeping our distance, washing our hands and refilling sanitizer bottles (we go through those so fast, Mum said it's a pity to throw so much plastic away when we can just buy better priced larger bottles and re-use the pocket ones...)



Farfett tax-Xewk
Painted Lady

Still keeping busy in our garden and trying not to be disappointed because my painted frog isn't a BOV Drawing Competition Winner. (I did get a **BAG** full of **GOODIES** for participating though!)

I know I'm no Beatrix Potter, but I really like drawing... I wonder if (like me) she painted nature because copying things helps you notice things you might otherwise miss... Of course back then, you couldn't take pictures...
So yeah, I'm gonna keep at it and hope for better luck next time!

Toodles!
Amy

CONGRATS to the WINNERS!

# WINNERS!! WILDLIFE DRAWING COMPETITION

1st €50 voucher



Kendra Galea
Yr 6

2nd €30 voucher



Nina Galea
Yr 4

3rd €20 voucher



Daniel Calleja
Yr 1

A mega **WELL DONE** to all participants!
We really **ENJOYED** all your drawings!

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

Victor Falzon

# Agħtiha l-kulur...







# Colour the orchid

The Maltese pyramidal orchid is a small plant but it's very special. It's endemic! That means you only find it in Malta. It grows in rocky places and makes lovely pale pink flowers in March and April.







Aron Tanti




Żewġ **agretti tal-bhejjem** (*cattle egret*) u **agrett abjad** (*little egret*) fir-riserva naturali tas-Salina



**Bird** by **Ben Theuma (5)**



# ĠONNA DINJA WAĦDA

**Ġonna Dinja Waħda huma ġonna speċjali maħsubin biex jiġbdu lejhom in-natura. BirdLife Malta ilha ħafna snin tgħin lil xi skejjel biex joħolqu dawn il-ġonna. Fihom in-natura tinfirex u l-istudenti jgawdu u jitgħallmu. Nittawlu lejn uħud minnhom...**

Victor Falzon

**Skola:** Skola Medja Blata l-Bajda, Kulleġġ San Ġorġ Preca

**L-isem tal-ġnien:** Wildlife Garden

**Area tal-ġnien:** 380m$^2$



Dehra tal-ġnien wara sentejn xogħol




Fil-bidu kien strippa tawwalija b'ħamrija mikxufa u ringiela ċipress ma' naħa.

L-iskola medja tal-Blata l-Bajda b'xortiha għax għandha ħafna rqajja' ħamrija. Ħafna minnhom huma mħawlin b'siġar u arbuxxelli u kkurati tajjeb. Il-Ġnien Dinja Waħda ħloqnieh f'waħda minn dawn l-irqajja' ħamrija.



Studenti qed jibnu l-mogħdija



F'Mejju l-kromb il-baħar isfar jimla l-ġnien bil-kulur u bl-insetti.



Il-pjan li għamilna kien fih mogħdija, wesgħa b'xi bankijiet, u taħwil ta' diversi pjanti, l-iktar arbuxxelli u pjanti tal-basla.



Studenti jagħrfu weraq differenti



Ritratti Desirée Falzon u Victor Falzon

# Smiley and Grumpy

Good news and bad news from around the world

## 503 new species


Green pit viper

Every year scientists find new plants and animals. In 2020 the scientists of the British Natural History Museum discovered 503 new species! There were beetles, seaweeds, moths, toads, snakes, and even a monkey!

The museum sends scientists to collect species from all over the world. Then they spend many years studying them to check if they are new species.

So far, scientists have found and named nearly 2 million species. That's a lot, but there are many more still to discover. Scientists think there are about 9 million species in the world!

## A safe crossing


A wildlife bridge in Canada

Many wild animals cross busy roads and get run over. Kind people around the world find ways to stop this danger. They do it by building wildlife crossings.

There are many kinds of wildlife crossings. The biggest are special bridges planted with trees and shrubs. In this way big animals like deer and bears can cross over highways with no danger at all. Tunnels under the roads are also made for smaller animals, like badgers and hedgehogs.

The good news is that more and more countries are building these things to save their wildlife.

When will Malta join?

## Many in danger


Splendid poison frog

The IUCN is a group of experts from all over the world. They study if plants and animals are common or not.

The IUCN have a book called the Red Data Book. It is a list of many plants, animals and fungi. The list tells which species are common, which species are rare, and which species are in danger of going extinct. There are **35,500 species** on the danger list.

The book also has an Extinct Species List. In 2020 the IUCN added 22 more species of frogs to the Extinct Species List. One of them was the **splendid poison frog**, a tiny red animal.



## Keep these Saturdays free!

On all these dates we'll be having Klabb Ħuttaf activities. We still don't know what all the activities are but we're working on it. We will tell you about them in other issues of the magazine. And you can always check our website **www.birdlifemalta.org** for the latest news.

| | |
|---|---|
| **Saturday 3 April 2021** | **Easter Egg-citement at Foresta 2000** |
| **Saturday 24 April 2021** | Details later |
| **Saturday 19 June 2021** | Details later |
| **Saturday 14 August 2021** | Details later |
| **Saturday 18 September 2021** | Details later |
| **Saturday 11 December 2021** | Details later |



ERA
Environment & Resources Authority

# Marine Protected Areas

### What are MPAs ?

A Marine Protected Area, or MPA for short, is an area of sea which has been dedicated to protecting the habitats and species within it!



**These areas are important** as they help to safeguard the future of our marine ecosystems.

The ecosystems are made up of many habitats and species which all work together to maintain a balance in the marine environment

### Habitats and Species in Maltese waters



FATTI FAWNA




# iż-Żrinġ

- Iż-żrinġ huwa amfibju, jiġifieri kapaċi jgħix fl-ilma kif ukoll fuq l-art.
- Fid-dinja hawn xi 8000 speċi ta' amfibji. Ħafna minnhom huma żrinġijiet imma hemm ukoll salamandri u *newts*.
- F'Malta għandna speċi waħda [1]indiġena ta' amfibju: dan huwa ż-żrinġ, bl-Ingliż *painted frog* u bl-isem xjentifiku *Discoglossus pictus*.
- Bħal amfibji oħrajn, iż-żrinġ jieħu ħafna min-nifs mill-ġilda, basta din tkun niedja. Għalhekk jgħix f'postijiet fejn jinġabar l-ilma tax-xita, bħal widien, għadajjar u ġibjuni.
- Fin-nixfa tas-sajf, iż-żrinġ ta' Malta jżomm ħaj billi jorqod midfun f'ħofra niedja fit-tajn.
- Iż-żrinġ jiekol insetti żgħar bħal nemus, dubbien u xi ħanfus.
- Iż-żrinġ ibid il-bajd fl-ilma. Il-bajd ikun magħluq fi speċi ta' ġeli jwaħħal. Dan aktarx jeħel ma' pjanti jew zkuk fl-ilma.
- Il-bajd ifaqqas wara xi ġranet u minnhom joħorġu l-imrieżeb (*tadpoles*), li għall-ewwel ma jkollhomx saqajn.
- Għall-ewwel ġimgħat l-imrieżeb jieklu ħaxix tal-ilma u jieħdu n-nifs mill-garġi.
- L-imrieżeb itellgħu s-saqajn filwaqt li denbhom jinxtorob fil-ġisem. Flok garġi jrabbu pulmun. Jibdlu wkoll id-dieta u flok ħaxix jibdew jieklu insetti, bħall-kbar.
- Iż-żrinġ huwa mħares bil-liġi. Ma jistax jinqabad, jitrabba, jitfixkel, jinħaqar jew jinqatel. L-istess jgħodd ukoll għall-bajd u l-imrieżeb tiegħu.
- Iż-żrinġ qed jiskarsa f'Malta għax il-widien fejn jgħix qegħdin dejjem jinxfu iktar kmieni fis-sena. Dan qed jiġri mhux biss għax il-klima qed tisħon, imma wkoll minħabba ppumpjar żejjed ta' ilma mill-widien.
- Xi annimali [2]aljeni, bħall-awwista tax-xmajjar, qed jieklu l-bajd u l-imrieżeb taż-żrinġijiet.




[1]**indiġenu**. Annimal jew pjanta li minn dejjem għexu f'dak il-post, u mhux iddaħħlu mill-bniedem (bl-Ingliż *native* jew *indigenous*)
[2]**aljen**. Annimal jew pjanta li mhumiex naturali f'post imma jkunu ddaħħlu mill-bniedem (bl-Ingliż *alien* jew *exotic*) – il-maqlub ta' indiġenu.


ECOHIVE MISSIONS
SAVING THE TURTLES
WRITTEN BY ELENA
IT'S A BEAUTIFUL DAY AT ECOHIVE...
...BUT THERE'S TROUBLE BREWING
ECOHIVE ACADEMY
HA, HA, HA!
COMMANDER YELLOW AND GENERAL BUZZ DEFINITELY WON'T CATCH ME THIS TIME!
ECOHIVE ACADEMY
WE NEED TO LEAVE YOU, KIDS...
EMERGENCY!
HOW DID THIS HAPPEN?! IT MUST HAVE BEEN THE GARBAGE MONSTER!
HOW WILL WE FIX IT? WE CAN'T SWIM...
YOUR MISSION IS TO CLEAN UP ALL THE PLASTIC, ASAP.
ROGER THAT!
AGENT POLLEN
POLLEN, IF THE TURTLES EAT THE PLASTIC THEY'LL DIE! SO HURRY!
I'M ON IT!
AND I'LL GET MORE HELP!
THANK YOU, GUYS! WITH YOUR HELP WE BEAT THE GARBAGE MONSTER ONCE AGAIN!
AND NOW THAT THE TURTLES ARE SAFE, LET'S TAKE ALL THIS PLASTIC TO ECOHIVE RECYCLING! IT'S THE BEST WE CAN DO!
ECOHIVE ACADEMY
PEOPLE SHOULD STOP USING SINGLE-USE PLASTIC...
...THE GARBAGE MONSTER WOULD HATE THAT!
VISIT ECOHIVE.COM.MT